SAINT JAMES HOSPITAL

# Anestesija - Informazzjoni għall-pazjent

## X'inhi l-anestesija?

**L-anestesija twassal għal nuqqas ta' sensazzjoni. Mediċini li jikkawżaw l-anestesija jissejħu anestetiċi.**

L-anestetiċi jintużaw waqt testijiet u operazzjonijiet kirurġiċi biex imewtu ċerti partijiet tal-ġisem jew biex jgħinu lill-pazjent jintilef minn sensih.

Dawn ma jħallux lill-pazjent ikun muġugħ jew skomdu u fl-istess ħin jagħtu ċans li jsiru l-interventi mediċi meħtieġa.

L-anestetiku lokali u dak ġenerali huma l-aktar żewġ tipi ta' anestetiċi li jintużaw:

- **L-anestetiku lokali** huwa dak li jmewwitlek partijiet żgħar minn ġismek, imma int tkun f'sensik il-ħin kollu - dan l-aktar jintuża għal xi operazzjoni żgħira.

- **L-anestetiku ġenerali** – hawnhekk il-pazjent ikun mitluf minn sensih għalkollox u ma jkunx konxju tal-proċeduri li qed isirulu – dan spiss jintuża f'operazzjonijiet aktar serji.

## Kif jaħdmu l-anestetiċi?

L-anestetiċi jaħdmu billi jwaqqfu dawk is-sinjali fin-nervituri li jaqbdu mal-moħħ u jħalluk konxju.

Waqt li l-pazjent ikun mitluf minn sensih, isiru l-proċeduri meħtieġa u l-pazjent ma jħoss xejn.

Meta jitlaq l-effett tal-anestetiku, is-sinjali tan-nervituri jaslu sal-moħħ u hawnhekk il-pazjent jerġa' jiġi f'sensih.

### Tipi ta' anestetiċi

Minbarra l-anestetiku ġenerali u dak lokali, hemm oħrajn.

Bid-differenza mill-anestetiku ġenerali, dawn ma jitilfux lill-pazjent minn sensih, imma bihom ma jħossx uġigħ f'dawk il-partijiet li jkun se jiġi operat fihom.

It-tipi differenti ta' anestetiċi huma dawn:

- **Anestesija reġjonali** – dan huwa anestetiku lokali li jingħata f'parti partikulari fil-ġisem. Dan iwassal biex imewwet din il-parti u jnaqqas l-uġigħ waqt operazzjonijiet aktar serji fejn ikun meħtieġ li dik il-parti titmewwet b'mod aktar estensiv.

- **Anestesija epidurali** – hija tip ta' anestetiku reġjonali li normalment jingħata biex imewwet il-parti t'isfel tal-ġisem, pereżempju bħala serħan mill-uġigħ ta' qabel u waqt il-ħlas.

- **Anestetiku spinali** - dan huwa tip ta' anestetiku reġjonali li jmewwet għalkollox u l-effett tiegħu jdum għal tliet sigħat. Jingħata fil-partijiet t'isfel tal-ġisem bħall-bażi tas-sinsla tad-dahar jew fil-parti t'isfel ta' dahrek biex din il-parti tkun tista' tiġi operata.

- **Sedazzjoni** – Mediċina li biha tħossok imħeddel u tirrilassak kemm fiżikament u anke mentalment; xi kultant tintuża biex tikkalma lill-pazjent waqt proċeduri żgħar li jikkawżaw uġigħ kbir u skumdità.

Tipi differenti ta' anestesija jistgħu jintużaw flimkien. Pereżempju, anestetiku reġjonali jista' jintuża ma' anestetiku ġenerali biex itaffi mill-uġigħ wara operazzjoni.

Anke s-sedattiv xi kultant huwa użat mal-anestetiku reġjonali biex jgħinek tħossok aktar kalm u mistrieħ kif ukoll bla uġigħ waqt operazzjoni.

## Kif jingħataw l-anestetiċi?

Anestetiku jista' jingħata b'diversi modi:

- Bħala ngwent, sprej jew qtar;
- Bħala injezzjoni fil-vina;
- Bħala gass li jinbela'.

## Min se jagħtini l-anestetiku?

L-anestetisti huma tobba li ngħataw taħriġ speċjalizzat fl-anestesija. Waqt li qed jagħtuk l-anestetiku, se jkunu responsabbli għall-benesseri u s-sigurtà tiegħek.

Qabel l-għoti tal-anestetiku, l-anestetista jiddiskuti miegħek numru ta' affarijiet li jinkludu:

• it-tip ta' anestesija li se tgħaddi minnha

• xi riskji jew effetti relatati ma' din it-tip ta' anestesija.

Jiddiskutu miegħek kif tikkontrolla l-uġigħ u jieħdu f'kunsiderazzjoni dak li tixtieq int. Għandek dejjem tistaqsi lill-anestetista jiċċara xi affarijiet li inti m'intix ċert minnhom.

B'attenzjoni l-anestetista se jsegwik mill-qrib waqt l-operazzjoni u jkun ċert li tqum u tħossok tajjeb, wara li jsir l-intervent mediku. Jgħinuk ukoll b'mediċina li jista' jkollok bżonn wara l-operazzjoni biex isserrħek mill-uġigħ.

## X'inhuma r-riskji tal-anestesija ġenerali u reġjonali?

Illum il-ġurnata, bl-anestesija moderna, mhux komuni li wieħed jesperjenza problemi serji. Madankollu, ir-riskji ma jistgħux jiġu evitati kompletament, imma permezz ta' apparat modern, taħriġ u mediċini din il-proċedura hija aktar sigura llum il-ġurnata. Għalik, bħala individwu, ir-riskju jiddependi jekk tbatix minn mard ieħor, minn fatturi personali (bħal tipjip jew li jkollok piż żejjed) jew inkella minħabba xi kirurġija kkumplikata, twila jew imwettqa b'emerġenza.

### Effetti komuni ħafna (1 minn kull 10 persuni) u effetti komuni (1 minn kull 100 persuna)

- Tħossok ma tiflaħx u tirremetti wara l-intervent kirurġiku;
- Uġigħ fil-griżmejn;
- Sturdament, vista mċajpra;
- Uġigħ ta' ras;
- Problemi fil-bużżieqa tal-awrina;
- Ħsara lix-xufftejn jew l-ilsien (normalment effetti minimi);
- Ħakk;
- Uġigħ u uġigħ fid-dahar;
- Uġigħ waqt l-injezzjoni tal-mediċina;
- Tbenġil u ħmura;
- Tħossok imħawwad u jkun hemm telf fil-memorja.
- Tkexkix ta'bard

### Effetti li mhumiex komuni u komplikazzjonijiet (1 minn kull 1000 persuna)

- Infezzjoni fis-sider;
- Uġigħ fil-muskoli;
- Nifs baxx (dipressjoni respiratorja);
- Ħsara lis-snien;
- Kundizzjoni medika eżistenti li tmur għall-agħar;
- Tkun konxju (tiġi f'sensik waqt l-operazzjoni)

**Kumplikazzjonijiet rari (1 minn kull 10,000 persuna) u dawk rarissimi (1 minn kull 100,000 persuna)**

- Ħsara fl-għajnejn;
- Attakk tal-qalb jew puplesija;
- Allerġiji serji għall-mediċina;
- Ħsara fin-nervituri;
- Mewt;
- Ħsara fl-apparat li qed jintuża waqt il-proċedura.

Imwiet ikkawżati mill-anestesija huma rarissima, u sseħħ f'numru żgħir ta' każijiet, ġeneralment minħabba kombinazzjoni ta' diversi kumplikazzjonijiet.

**Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, tista' tiddiskutihom mal- anestetista tiegħek meta tidħol l-isptar jew mal-infermiera li se tagħmillek l-evalwazzjoni pre-operattiv tiegħek.**